



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7389/23
PV CONS 11
SOC 179
EMPL 128
SAN 137
CONSOM 79

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

13 u 14 ta' Marzu 2023

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" Lista mhux leġislattiva	4

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Semestru Ewropew 2023	5
a)	Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi	
b)	Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) għall-2023	
4.	Sena mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: Is-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali fl-UE, b'enfasi fuq is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati temporanjament mill-Ukrajna.....	5
5.	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju (Nru 190) tal-ILO tal-2019	5

Affarijiet oħra

6.	a)	Programmi ta' Ħidma għall-2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).....	6
	b)	Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-missjoni tal-Konsulent Speċjali Asscher dwar l-Ukrajna	6
	c)	Proposti leġislattivi attwali	
	i)	Deċiżjoni dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 – attivitajiet ippjanati u ħidma mal-partijiet ikkonċernati.....	6
	ii)	Direttiva li temenda d-Direttivi 98/24/KE u 2004/37/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati.....	6
	d)	Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom	7
	e)	Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE	7
	f)	Forum Soċjali ta' Porto (Porto, 25-27 ta' Mejju 2023).....	7
	g)	Summit Soċjali Tripartitiku (Brussell, 22 ta' Marzu).....	7

SAĦĦA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

7.	Regolament dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-EMA	8
----	--	---

Attivitajiet mhux leġislattivi

8.	Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali	8
----	--	---

Affarijiet oħra

9.	a)	Implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparat Mediku	8
	b)	Negożjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tnejnija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)	9
	c)	Koordinazzjoni u kollaborazzjoni dwar il-kundizzjoni ta' wara l-COVID-19 (Covid fit-tul)	9
	d)	Skarsezzi ta' mediċini fis-suq tal-UE	9

ANNEX -	Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	10
---------	--	----

LAQGĦAT-TNEJN 13 TA' MARZU 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 7050/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

7169/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument 7169/23, inkluż id-dokumenti lingwistiċi kollha COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlatti

3. Semestru Ewropew 2023
Skambju ta' fehmiet

 6683/23

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-Semestru Ewropew, iggwidat minn nota tal-Presidenza li tinsab fid-dokument 6683/23.

a) Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi
Adozzjoni

6059/23

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi kif jinsab fid-dokument 6059/23.

b) Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli (ASGS) u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) għall-2023
Approvazzjoni

6681/23

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2023 kif jinsabu fid-dokument 6681/23.

4. Sena mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: Is-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali fl-UE, b'enfasi fuq is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati temporanjament mill-Ukrajna¹
Skambju ta' fehmiet

 6686/2/23 REV 2

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali fl-UE, b'enfasi fuq is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni spostati temporanjament mill-Ukrajna, iggwidat minn nota tal-Presidenza li tinsab fid-dokument 6686/2/23 REV 2.

5. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju (Nru 190) tal-ILO tal-2019
Skambju ta' fehmiet

 6685/23

¹ Fil-preżenza tal-Konsulent Speċjali dwar l-Ukrajna tal-Kummissarju Schmit, il-Ministru għall-Politika Soċjali tal-Ukrajna u l-Viċi Ministru għall-Integrazzjoni Ewropea fl-Ukrajna.

Affarijiet oħra

6. a) **Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) Programmi ta' Ħidma 2023**  6674/23
Informazzjoni mill-Presidenti rispettivi 6687/23

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-Programmi ta' Ħidma tal-2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, kif jinsabu fid-dokumenti 6674/23 u 6687/23.

- b) **Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-missjoni tal-Konsulent Speċjali Asscher dwar l-Ukrajna²**  6841/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ġie infurmat dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-missjoni tal-Konsulent Speċjali Asscher fl-Ukrajna, abbażi tad-dokument 6841/23.

- c) **Proposti leġislattivi attwali** 
(deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8)
tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- i) **Deċizzjoni dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 -** 13365/22 + COR 1
attivitajiet ippjanati u ħidma mal-partijiet
ikkonċernati
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ippjanati u l-ħidma mal-partijiet interessati fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

- ii) **Direttiva li temenda d-Direttivi 98/24/KE u** 6417/23 + ADD 1
2004/37/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-
ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-
diisoċjanati
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-proposta għal Direttiva li temenda l-valuri ta' limitu eżistenti għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati, kif tinsab fid-dokument 6417/23 + ADD 1.

² L-informazzjoni ġiet ipprovduta mill-Konsulent Speċjali dwar l-Ukrajna tal-Kummissarju Schmit. Fil-preżenza tal-Ministru għall-Politika Soċjali tal-Ukrajna u l-Viċi Ministru għall-Integrazzjoni Ewropea fl-Ukrajna.

- d) **Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom**  5980/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, abbażi tad-dokument 5980/23.

- e) **Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE**  6816/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ġie infurmat dwar ir-Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE abbażi tad-dokument 6816/23.

- f) **Forum Soċjali ta' Porto (Porto, 25-27 ta' Mejju 2023)**  6912/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża dwar il-Forum Soċjali ta' Porto, abbażi tad-dokument 6912/23.

- g) **Summit Soċjali Tripartitiku (Brussell, 22 ta' Marzu)**  6786/23
Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar is-Summit Soċjali Tripartitiku li ser isir fit-22 ta' Marzu 2023, abbażi tad-dokument 6786/23.

SAĦĦA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 7. Regolament dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-EMA**  6089/23
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Regolament dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-EMA u qabel dwar it-triq 'il quddiem issuġġerita mill-Presidenza fin-nota ta' gwida tagħha. Il-Kunsill ħa nota wkoll ta' kummenti minn xi delegazzjonijiet.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 8. Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali³**  6090/23
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara, Pollakka, Litwana u Ungeriża hija annessa ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

Affarijiet oħra

- 9. a) Implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparat Mediku**  6484/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparat Mediku, kif ukoll tal-kummenti minn diversi delegazzjonijiet.

³ Fil-preżenza tad-Direttur tal-ECDC.

- b) **Negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)**

 6405/23

Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar in-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005).

- c) **Koordinazzjoni u kollaborazzjoni dwar il-kundizzjoni ta' wara l-COVID-19 (Covid fit-tul)**

 6586/23

Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands dwar il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar il-Covid fit-tul kif tinsab fid-dokument 6586/23 u tal-interventi minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- d) **Skarsezzi ta' mediċini fis-suq tal-UE⁴**

 6672/1/23 REV 1

Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, appoġġata mid-delegazzjoni Awstrijaka, Ċiprijotta, Griega, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Portugiża, Slovena, Taljana u dik Ungeriża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, appoġġata mid-delegazzjoni Awstrijaka, Ċiprijotta, Griega, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Portugiża, Slovena, Taljana u dik Ungeriża, dwar l-iskarsezzi ta' mediċini fis-suq tal-UE u tal-interventi minn diversi delegazzjonijiet u tar-reazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

⁴ Fil-preżenza tad-Direttur Eżekuttiv tal-EMA.

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 7050/23

Dwar il-punt "B" nru 8:

Strateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Saħħa Globali
Skambju ta' fehmiet

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA, IL-POLONJA, IL-LITWANJA U L-UNGHERIJA dwar l-akkwist ta' kontromiżuri mediċi fil-livell Ewropew, kif ukoll fil-kuntest tal-Istrateġija għas-Saħħa Globali, b'kont meħud tal-esperjenza mill-Ftehim dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 ma' Pfizer Inc. u BioNTech Manufacturing GmbH, inkluż il-ħames emenda proposta

"Fir-rigward tal-akkwist ta' kontromiżuri mediċi fil-livell Ewropew, kif ukoll fil-kuntest tal-Istrateġija għas-Saħħa Globali, aħna, il-Ministri għas-Saħħa hawn taħt iffirmati, nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu rispettati l-ħtiġijiet, l-ispeċifikitajiet u l-kapaċitajiet baġitarji tal-Istati Membri kollha.

F'dak il-kuntest nesprimu t-tħassib serju tagħna fir-rigward tal-proposti ssuġġeriti li jinsabu fil-ħames Emenda proposta għall-ftehim dwar il-vaċċin Pfizer. Fl-opinjoni tagħna dawn il-proposti ma jippreżentawx soluzzjoni finali u ġusta għall-problemi tal-eċċess tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri.

Aħna konxji mill-fatt li hemm Stati Membri lesti li jieħdu d-dożi ppjanati kollha u nirrispettaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet u l-interessi tal-pajjiżi li jixtiequ jaderixxu mal-ħames Emenda proposta. L-oppożizzjoni tagħna għall-adeżjoni mhijiex maħsuba biex taffettwa ħażin lil dawn il-pajjiżi.

Fl-istess ħin, nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Pfizer biex iħejju soluzzjonijiet li jipprovdu rispons reali għall-ħtiġijiet tas-saħħa nazzjonali u li jkunu ta' benefiċċju għas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri kollha. Ħadd ma għandu jitħalla jaqa' lura.

L-emenda li ser issir għandha tirrifletti l-interess pubbliku u finanzjarju tal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha tfittex opportunitajiet biex tkompli tinnegożja mal-Pfizer, b'mod partikolari dwar pagamenti f'każijiet ta' nuqqas ta' konsenja, tnaqqas l-għadd ta' dożi kkuntrattati, jew tieħu l-inizjattiva hija stess u tixtri vaċċini żejda mill-Istati Membri biex tagħtihom donazzjoni lir-reġjuni fil-bżonn.

Nappellaw lill-Kummissjoni biex, meta taġixxi f'isimna, tinnegożja ftehim ġdid u aktar ġust, fl-interess pubbliku. Dan jeħtieġ tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' dożi, abbażi tal-kwantitajiet meħtieġa mill-Istati Membri. Aħna ma naqblux ma' provvisti li jaqbżu l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u li l-Istati Membri ma jridux, speċjalment fin-nuqqas ta' ċarezza regolatorja rigward it-tkomplija tal-użu ta' aktar boosters. Barra minn hekk, nissottolinjaw li t-"tariffa ta' flessibbiltà" proposta hija piż finanzjarju sproporzjonat u toħloq kwistjonijiet legali.

Nappellaw lill-Pfizer biex iżżomm il-fiduċja fil-proċess tal-vaċċinazzjoni, biex tassumi r-responsabbiltà tagħha lejn iċ-ċittadini tal-UE u l-Istati Membri u biex taġixxi in bona fide biex tinstab soluzzjoni li tkun ġusta għal kulħadd: f'isem il-ġid komuni u mhux biss fl-interess tan-negozju.

Is-saħħa pubblika hija l-interess ewlieni tagħna, u għandna lkoll naġixxu f'isimha: l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Pfizer. Dan għandu jitqies kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali."



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
